MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 5/2010

**Joseph Serpina u martu Margaret Serpina, Silvana Grech, Anthony Castillo u martu Rosaria sive Mary Rose Castillo, John Agius u Marthese Xuereb, Carmelo Aquilina u martu Sylvia Aquilina, u Joseph Cauchi**

**Vs**

**Portbart Limited**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi kienu qeghdin jitolbu li tissewwa l-hsara li saret f’appartamenti taghhom li jinsabu fil-blokk 2, Scorpios, Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex wara li s-socjeta konvenuta ghamlet xoghol ta’ bini. Talbu wkoll li s-socjeta konvenuta terga’ taghmel fuq il-bejt is-servizzi li kellhom fuq il-bejt.

Is-socjeta konvenuta wiegbet li:-

1. L-azzjoni hi intempestiva ghaliex is-socjeta konvenuta kienet dejjem disposta li ssewwi l-hsara u fil-fatt kien sar xi xoghol ta' tikhil.
2. L-atturi jridu jaghtu prova tal-entita tal-hsara.
3. Is-servizzi fuq il-bejt gew stallati kif kienu qabel inbniet il-penthouse, u huma komunikati mal-apartamenti rispettivi.

Il-meritu tal-kawza hu llum ezawrit wara li fil-mori tal-kawza saret it-tiswija u fis-seduta tal-lum l-atturi rrinunzjaw ghat-talbiet u zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

Fl-access li kien sar fil-25 ta' Mejju 2010 ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien ikkonferma wkoll li ser jithallsu l-ispejjez gudizzjarji.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu stante li dan hu llum ezawrit.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez gudizzjarji nkluz l-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta' Jannar 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------